**2 ta' April, 1993**

**Imħallfin: -**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. – President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Joseph D. Camilleri LL.D.**

Veronica Farrugia *et*

versus

Mary Buhagiar

**Ritrattazzjoni – Interess – Interess Ġuridiku**

*L-atturi aġixxew għal dikjarazzjoni illi deposizzjoni f'kawża oħra huma foloz. Ġie eċċepit in-nuqqas ta' interess ġuridiku. L-ewwel Qorti laqgħet l-eċċezzjoni u lliberat lill-konvenut mill-osservanza tal-ġudizzju.*

*Il-Qorti ta' l-Appell irriteniet illi s-sempliċi terminu "interess" li jirrikorri fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, per eżempju fl-artikoli 236, 806 jew inkella 960, ġie, fil-ġurisprudenza kkwalifikat bħala "interess ġuridiku" u din l-addizzjoni, intiża biex tippreċiża l-kunċett fir-realtà kkumplikatu. Ċertament però l-ewwel u l-aqwa interess ġuridikament ammissibbli huwa dak li kull persuna għandha, jiġifieri li titlob li fil-konfront tagħha, issir ġustizzja, jew inkella li tikkoreġi inġustizzja kommessa fil-konfront tagħha. Dejjem – fil-kamp tad-dritt privat – fil-każijiet konformi biss, fil-kamp tad-dritt pubbliku.*

*Fl-awturi u fil-ġurisprudenza ħafna drabi, l-interess kien jiġi kkomparat ma' l-utilità, imma dawn kjarament m'humiex sinonimi u allura daħal ukoll l-użu ta' kunċett ta' utilità ġuridika – proprju biex*

*titnaqqas id-diverġenza taż-żewġ konnotazzjonijiet u b'hekk bdew jintużaw l-espressjonijiet – interess ġuridiku u utilità ġuridika.*

*Il-Qorti ta' l-Appell kompliet tirritjeni illi fil-każ in eżami l-ewwel Qorti kkunsidrat illi l-kompitu tagħha ma kienx dak li teżamina jekk l-atturi kellhomx l-interess o meno li jipproponu l-azzjoni, iżda li teżamina jekk l-atturi kellhomx jew le l-bażi suffiċjenti biex wara din l-azzjoni jkunu f'posizzjoni li jipproponu l-azzjoni ta' ritrattazzjoni ta' l-ewwel kawża.*

*Ġie milqugħ l-Appell għaliex il-Qorti ta' l-Appell sabet illi l-atturi kellhom kull interess ġuridiku u l-utilità ġuridika biex jipproponu l-azzjoni tagħhom.*

1. L-atturi ppreżentaw ċitazzjoni quddiem il-Qorti tal-Kummerċ fejn ippremettew illi b'sentenza ta' dik il-Qorti tat-28 ta' April, 1989, fl-ismijiet "Mary mart Paul Buhagiar *et vs* Veronica Sammut *sive* Sammut Ghigo" (ċitazzjoni numru 124/88), l-istess Veronica Sammut, illum attriċi miżżewġa lil David Farrugia, ġiet ikkundannat li tħallas lill-konvenut ta' llum is-somma ta' elf tliet mija u tlettax-il lira (Lm1313), u li dik is-sentenza ġiet ottenuta prinċipalment a bażi ta' testimonjanzi mogħtija minn Mary Buhagiar fis-17 ta' Frar, 1988, u fil-5 ta' April, 1989. Dik ix-xiehda f'partijiet importanti u sostanzjali tagħha hija falza u l-attriċi tinnega illi hija għamlet negozju dirett ma' Mary Buhagiar, u għalhekk talbu lil dik il-Qorti, biex tiddikjara, illi dak li ddeponiet Mary Buhagiar jikkontjenu dikjarazzjonijiet foloz, partikolarment fejn qalet illi Veronica Farrugia – dak iż-żmien Sammut *sive* Sammut Ghigo – għamlet negozju dirett ma' Mary Buhagiar;

2. Il-konvenuti konjugi Buhagiar eċċepew illi l-azzjoni attriċi hija irrita u nulla billi nieqsa minn kull fondament ġuridiku. Difatti, m'humiex ġuridikament ammissibbli li tiġi

proposta azzjoni bħall-preżenti;

3. Fl-20 ta' Frar, 1991, il-Qorti tal-Kummerċ iddisponiet hekk:

"Tilqa' l-eċċezzjoni preliminari tal-konvenut u tiddikjara l-azzjoni attriċi bħala irrita u nulla u konsegwentement tillibera l-konvenuti mill-osservanza tal-ġudizzju;

Din id-deċiżjoni ġiet immotiviata b'dan il-mod:

"Illi fit-trattazzjoni orali dwar l-eċċezzjoni preliminari tal-konvenuti, l-abili difensur ta' l-atturi, issottometta illi l-azzjoni attriċi għandha b'bażi ġuridika tagħha f'dak illi jipprovdu l-artikoli 811(j) u 818(ċ) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, Kapitolu 12;

Illi l-imsemmi artikolu 811(j) tal-Kapitolu 12 jiddisponi hekk:

"Kawża deċiża b'sentenza mogħtija fi grad ta' appell tista', fuq talba ta' waħda mill-partijiet li jkollha interess, tiġi ritrattata, wara li qabel xejn tiġi mħassra dik is-sentenza, għal waħda minn dawn ir-raġunijiet li ġejjin:

"Jekk is-sentenza tkun ġiet deċiża fuq provi li, b'sentenza mogħtija wara, jiġu ddikjarati foloz jew li jkunu ġew hekk iddikjarati b'sentenza mogħtija qabel, iżda l-parti telliefa ma kinitx taf b'dan il-fatt";

L-artikolu 818(ċ) ta' l-istess Kapitolu 12, jiddisponi hekk:

"Iż-żmien li fih tista' ssir it-talba għar-ritrattazzjoni huwa ta' tliet xhur, u jibda jgħodd:

"Fil-każijiet imsemmija fil-paragrafu (j) (ta' l-artikolu 811), jekk il-falsità tkun, fuq talba jew kwerela ta' l-istess attur, ġiet iddikjarata wara s-sentenza attakkata, mill-ġurnata ta' dik id-dikjarazzjoni, u jekk tkun ġiet iddikjarata wara dik is-sentenza iżda fuq talba jew kwerela ta' ħaddieħor, jew jekk tkun ġiet iddikjarata qabel, mill-ġurnata li l-attur ikun ġie jaf b'dik id-dikjarazzjoni";

Illi għalhekk it-teżi ta' l-atturi hija illi l-bażi ġuridika għall-azzjoni odjerna tikkonsisti filli f'każ ta' eżitu favorevoli għalihom ta' l-istess azzjoni huma jkunu jistgħu jitolbu r-ritrattazzjoni tal-kawża illi l-proċess tagħha ġiet allegat u dana *ai termini* ta' l-artikoli 811(j) u 818(ċ) tal-Kapitolu 12;

Illi jidher illi mhux ikkontestat bejn il-kontendenti illi s-sentenza mogħtija fil-kawża msemmija fil-paragrafu ta' qabel dan għaddiet f'ġudikat mingħajr ma sar appell minnha;

Illi anqas ma huwa kkontestat illi fil-kawżi odjerni l-atturi qed jitolbu illi jiġu ddikjarati foloz xi provi illi fuqhom ġiet deċiża s-sentenza hawn fuq irriferita;

Illi għandu jingħad ukoll illi anqas ma huwa kkontestat illi l-attriċi Veronica Farrugia fil-kawża odjerna hija l-konvenuta fil-kawża ġà deċiża hawn fuq imsemmija;

Ikkunsidrat:

Illi la darba, kif ġà ngħad, is-sentenza hawn fuq imsemmija

ma ġietx mogħtija fi grad ta' appell, kif issottometta tajjeb l-abili difensur ta' l-atturi fit-trattazzjoni orali, l-artikolu 811(j) tal-Kapitolu 12, mhux applikabbli għall-każ in eżami, u dana huwa evidenti mis-segwenti kliem ta' dan l-artikolu:

"Kawża deċiża **b'sentenza mogħtija fi grad ta' appell,** tista'.....tiġi ritrattata.....għal waħda minn dawn ir-raġunijiet li ġejjin: ....." (sottolinear tal-Qorti);

Illi la mhux applikabbli għall-każ odjern, l-artikolu 811(j) tal-Kapitolu 12 anqas ma jista' jkun applikabbli għall-istess każ l-artikolu 818(ċ) ta' l-imsemmi Kapitolu 12;

Illi kif ġà wkoll ingħad, l-atturi invokaw bħala bażi ġuridika ta' l-azzjoni odjerna tagħhom dak illi jiddisponi l-artikoli 811(j) u 818(ċ) tal-Kapitolu 12, u, la darba dawn l-artikoli, għar-raġunijiet hawn fuq imsemmija, m'humiex applikabbli għall-każ odjern, il-bażi ġuridika pretiża mill-atturi ma teżistix;

Ikkunsidrat:

Illi a skans ta' ekwivoċi għandu jingħad ukoll illi għall-każ ojdern, anqas ma huwa applikabbli l-artikolu 812 tal-Kapitolu 12, illi jirrigwarda r-ritrattazzjoni ta' kawżi deċiża minn Qorti ta' l-ewwel grad, u dana mhux biss għaliex dan l-artikolu ma ġiex invokat mill-atturi iżda wkoll għaliex m'hemmx dubju illi l-attriċi kienet taf bl-allegati fatti foloz, illi minħabba fihom hija tidher intenzjonata illi tintenta r-ritrattazzjoni qabel ma għalaq iż-żmien għall-appell mis-sentenza in kwistjoni. Infatti minn eżami tal-proċess allegat jirriżulta, illi għalkemm fil-kawża relattiva l-attriċi odjerna waqgħet kontumaċi hija segwiet – kif kien fl-interess tagħha jekk mhux anke doveruż għaliha, illi

tagħmel – dak illi kien qed jiġri waqt it-trattazzjoni ta' l-istess kawża;

4. L-atturi ħassew ruħhom aggravati bis-sentenza għaliex (a) id-deċiżjoni marret *"ultra petita"* u daħlet f'mertu li ma kienx suġġett tal-kawża, u (b) illi l-atturi mhux biss jista' jkollhom dritt għar-ritrattazzjoni ta' l-ewwel kawża, skond l-art. 812, Kap. 12, iżda anke dritt li jagħmlu kawża għad-danni – dejjem wara li jkollhom eżitu favorevoli f'din il-kawża;

5. Huwa manifest illi l-opposizzjoni tal-konvenuti toriġina fid-duttrina magħrufa bħala dik ta' l-interess ġuridiku li kull wieħed mill-partijiet in kawża jrid ikollu sabiex jista' jingħad li għandu d-dritt tal-*"locus standi in judicio"*. Hija t-teżi tal-konvenuti li l-atturi m'għandhomx dan l-interess ġuridiku li jippermettilhom jipproponu l-azzjoni li qed jipproponu biex jitolbu mill-Qorti, fil-konfront tal-konvenuti, id-dikjarazzjoni ta' falsità ta' deposizzjoni f'azzjoni oħra ġudizzjarja li fiha kienu parti l-istess partijiet ta' din il-kawża – barra David Farrugia billi dan iżżewweġ lill-attriċi, wara li spiċċat l-ewwel kawża;

6. Is-sempliċi terminu "interess' li jirrikorri fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, per eżempju fl-artikoli 236, 806 jew inkella 960, ġie, fil-ġurisprudenza kkwalifikat bħala "interess ġurdiku" u din l-addizzjoni, intiża biex tippreċiża l-kunċett, fir-realtà kkomplikatu. Ċertament però, l-ewwel u l-aqwa interess ġuridikament ammissibbli, huwa dak li kull persuna għandha, jiġifieri li titlob li fil-kontfront tagħha, issir ġustizja, jew inkella li tikkoreġi inġustizzja kommessa fil-konfront tagħha. Dejjem – fil-kamp tad-dritt privat – fil-każijiet, konformi biss, fil-kamp tad-dritt pubbliku;

Fl-awturi u fil-ġurisprudenza ħafna drabi, **l-interess** kien jiġi kkomparat ma' **l-utilità**, imma dawn kjarament m'humiex sinonimi u allura daħal ukoll l-użu ta' konċett ta' **utilità ġuridika** – proprju biex titnaqqas id-diverġenza taż-żewġ konnotazzjonijiet u b'hekk bdew jintużaw l-espressjonijiet – **interess ġuridiku** u **utilità ġuridika**;

7. Minn dan kollu, ma jistax ma jiġix konkjuż illi l-atturi effettivament għandhom kull interess ġuridiku u utilità ġuridika, biex jipproponu l-azzjoni tagħhom intiża biex tikkontrobatti inġustizzja li allegatament sofriet l-attriċi Veronica, illum miżżewġa Farrugia, mid-deposizzjonijiet ġuramentati tal-konvenuta Mary Buhagair, li hija tikkunsidrahom foloz, mil-liema falsità hija sofriet inġustizzja – kif qed tallega;

8. Sfortunatament l-ewwel Qorti kkunsidrat illi l-kompitu tagħha ma kienx dak li teżamina jekk l-atturi kellhomx l-interess o meno li jipproponu l-azzjoni, iżda li teżamina jekk l-atturi għandhomx jew le l-bażi suffiċjenti biex **wara din l-azzjoni,** ikunu f'posizzjoni li jipproponu l-azzjoni ta' ritrattazzjoni ta' l-ewwel kawża; eżami li kjarament għandu jsir jekk u meta dik l-azzjoni tkun ġiet proposta. Hawnhekk dik l-azzjoni hija pprospettata bħala waħda mid-diversi **motivi** ta' **interess ġuridiku** jew **utilità ġuridika,** li jista' jkollhom l-atturi. Is-sentenza appellata rrestrinġiet il-viżwali tagħha għall-merti u d-demeriti ta' dak li għandu jkun il-kontenut ta' azzjoni futura possibbli ta' ritrattazzjoni; imma mhux ta' din il-kawża;

9. Għaldaqstant l-appell huwa milqugħ u s-sentenza appellata hija rrevokata u l-atti huma rinvjati lill-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ għall-kontinwazzjoni tal-kawża skond il-liġi, għall-konsiderazzjoni ta' l-eċċezzjonijiet oħra tal-konvenuti u l-mertu

tat-talba attriċi;

L-ispejjeż ta' l-ewwel istanza għall-konvenuti, dawk ta' din l-istanza mingħajr taxxa bejn il-partijiet.